**Għall-kwiet**

Għadda jum ieħor bil-mixja tiegħu
Issa ġej, ħelu ħelu, il-lejl,
Jgħib l-għajjat tal-kotra l'għandha x'tagħmel
Qed jitħeddlu tal-għaġeb l-għajnejn.

U f'dan il-baħar kbir hekk mimli skiet
Miegħu tgħib l-għagħa tal-geġwiġija,
Waqt li timtedd ir-ras fuq l-imħadda
Fejn l-ilħna jkunu f'sintonija.

Kif? Għaliex? U għall-liema
Tant tgedwid tal-jien kollu għajjien,
Sakemm tiġi r-raqda hekk qawwija
Li taqla' għall-waqt mill-ħabs taż-żmien.

U jibda' ġej il-ħolm kollu mħawwad
Li ma issiblux nitfa tifsira,
Forsi jfakkarna li la għadna hawn
Kemm jaħasra ruħna hi ilsira.

L-għejja tirkeb, bil-mod il-mod taħkem
Il-ġisem iċedi, ma jifħlax,
Lil hinn mill-friex waqgħet dalma kbira
Ħoss li hu ħoss żgur li ma tismax.

Daħal il-lejl bin-niket tiegħu
M'hawnx aktar tama għajr is-smewwiet,
Li anki huma donnhom mudlama
Biss fihom hemm maħżuna t-tamiet.

Ġie l-lejl, il-ħajja marret biex torqod
Min għas-sliem w min għal ħafna karbiet,
Ħaġa naf għeżież li l-lejl jgħallimni
Se ninġabar, se noqgħod għall-kwiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.